# ŻMIEN IL-GWERRA U L-GUDJA
# 1939 – 1945

Konna sejrin mhux ħażin qabel ma resaq żmien il-gwerra. In-nies tal-Gudja bħall-Maltin l-oħra, kienu meħdija f'xogħolhom; min jaħdem fir-raba' bħal dejjem xogħol iebes, min kien fit-Tarzna għat-tiswija tal-vapuri tan-Navy Ingliża u min kien mal-Gvern u l-Kuntratturi billi żiedu l-ħaddiem fil-preparazzjoni tad-difiża, bħall-bini ta' "Pill-Boxes", xeblik ta' Barbed Wires max-xtut, bini ta' trunċieri għall-kanuni kontra l-ajru u l-baħar. Insomma n-nuqqas ta' xogħol li kien jinħass bejn iż-żewġ gwerer il-kbar beda jittaffa' ġmielu, għax Adolf Hitler, il-Kap Ġermaniż u Benito Mussolini, id-Duka Taljan kienu bdew iħerqu u jħeġġu n-nies tagħhom għall-ġlied.

Infatti darba smajt wieħed igħid li lil Mussolini, il-Maltin imisshom jixegħlulu xemgħa, għax bis-saħħa tiegħu f'Malta qam ħafna xogħol.

Kieku x-xemgħa ma setgħetx damet ħafna tixgħel, għax is-sħab u l-maltemp tal-gwerra beda jeħxien u tiela' 'l fuq malajr. Dan kien għall-ħabta ta' l-1937 – 8. L-awtoritajiet Ingliżi f'Malta ma naqsux li jippreparawna għad-difiża. Bagħtulna perit idur dar dar, biex igħidilna fejn noqogħdu f'każ li Malta tiġi bbumbardjata. Dan qalilna biex noqogħdu taħt it-taraġ jew fil-kantina, għax hemm deherlu li kien l-iżjed sod. Saħħaħna bis-serratizzi l-pedani tat-taraġ, biex jekk taqa' d-dar nistkennu taħthom u noqogħdu taħt l-imwejjed ħalli x-xorok ma joqtluniex.

Kienu qassmulna mill-iskola, li kienet fejn illum hemm il-Museum tas-Subien, maskli ta' kontra l-gass; għax ħasbu li l-Ġermaniżi kienu jistgħu jitfgħu l-gass velenuż tal-mustarda, bħalma għamlu f'Verdun il-Belġju fl-ewwel gwerra l-Kbira fuq il-front ta' Franza.

Il-biża' tal-Maltin kien dejjem qiegħed jikber u fis-sajf ta' l-1939 faqqgħet il-Gwerra. Il-Ġermanja invadiet il-Polonja, u l-Ingilterra u Franza daħlu kontra l-Ġermanja. F'qasir żmien il-Ġermanja rebħet tliet kwarti mill-Ewropa.

Darba kont għand iz-zija Rożi, oħt Gianmarì Galdes li kellu radju u smajna, (kien hemm ukoll min jaf bit-Taljan bħali, Giulia Caruana 'teacher'), lil Mussolini jgħajjat u jgħid lil niesu fi pjazza Venezja, Ruma, "Vogliamo Corsica, Malta e Tunisi", u ħadna qatgħa, għax għedna dalwaqt tidħol l-Italja kontra tagħna u nsibu ruħna f'saram kbir.

U hekk ġara, għax fl-10 ta' Ġunju 1940 daħlet l-Italja, minn għaliha biex taqsam il-priża tar-rebħ Ġermaniż. Lanqas laħaq sebaħ l-għada; qabel is-sebgħa ta' fil-għodu, ġew l-ajruplani Taljani jitfgħu l-bombi f'Ħal Far, fuq it-Tarzna u Sant'lermu, u hawn korra l-ewwel Gudjan, is-Surġent ta' R.M.A. Eugenio Micallef, li tilef għajn waħda.

L-Ingliżi mponew l-'Black Out', jiġifieri ħadd ma jista' jixgħel minn inżul sa tlugħ ix-xemx; dlam ċappa; biex l-ajruplani bil-lejl ma jarawx fejn jiftgħu l-bombi. Daħal il-"Curfew" biex ħadd ma joħroġ barra wara l-10.00 p.m. sal-5.00 a.m., ħlief nies essenzjali. Twaqqfet l-A.R.P. nies ta' l-'Air Raid



*Il-pjazza tal-Gudja fl-1943 (bil-Kortesija ta' Dr. George Borg).*

Precaution', biex joħorġu n-nies mid-djar mirduma u jgħinu f'affarijiet oħra.

Vapuri bil-merkanzija bdew jiġu mgħarqa u l-ġuħ beda jikber. Beda x-xiri ta' l-ikel bir-razzjon, kulħadd jieħu ftit. Twaqqfu l-'Victory Kitchens', u niftakar li darba wara li nqatlu l-mogħoż kollha u tqassam il-fwied tagħhom, mardu b'imsarinhom ħafna nies, għax il-friża ma kinitx sewwa. Sfortunatament jien ta' 19-il sena kont "sub manager" tal-Gudja u Ħal Għaxaq, u kelli ħafna nkwiet.

Bdew jitħaffru ix-'shelters' fil-blat għax id-djar bit-taraġ u l-Kantini li qalulna bihom ma kinux sodi biex isalvaw lin-nies mis-saħħa tal-bombi tal-ġelatina. In-nies bil-lejl kulħadd jintrass fix-'shelters', u jorqod fl-umdità kif jista'. B'dan ir-râss bdiet il-marda ta' l-'scabies', kulħadd iħokk u jogħrok, li ġriet u xterdet bħan-nar fix-xagħri fis-sajf. Waqt il-ħsejjes u d-damdim tat-tfaqqiegħ tal-bombi, in-nies fix-'shelters' kulħadd jitlob lil Santa Marija biex titfa' l-bombi fil-baħar u l-ħamrija.

Fil-bidu tal-gwerra minn fuq l-għassa tal-pulizija, kienu jiġu sparati tliet tiri ta' murtali, bħala sinjal ta' ħbit mill-ajru, u xi ftit xhur wara, inġiebet serena flokhom, li bdiet tagħti s-sinjal hi. L-'Air Raid Warning' kellu ħoss jogħla u jinżel qisu tnegħid u biki, u l-'Air Raid Passed' kien ħoss lixx u kontinwu. Ukoll ir-'Redifussion' li ħafna nies kellhom, kien iħabbar li 'ġejjin l-ajruplani ta' l-għadu'. Xi nies kienu jgħidulhom l-ajruplani ta' l-għodwa għax it-Taljani kienu jibqgħu fil-għoli ħafna, u l-bombi ma tantx kienu jiġuhom preċiżi. Ukoll ir-'Redifussion' kien igħidilna biex noqogħdu ġewwa u nagħlqu l-bibien u t-twieqi.

Aħna, (ossija l-Ingliżi), kellna tliet ajruplani Hurricanes, biplanes antiki, li semmewhom - 'Faith', 'Hope' u 'Charity' li ma tantx kellhom speed u ma' l-għadu ma setgħux ilaħħqu.

Twaqqfet il-'Home Guard'. Dan kien korp ta' voluntieri li kienu joħorġu bl-azzarini biex iħarsu lil Malta minn xi invażjoni tal-paraxutisti (Suldati li jaslu mill-ajru).

Biex naqta' fil-qasir, miet l-ewwel Gudjan – Anġlu Caruana magħruf il-Qalil, ta' 84 sena, bi 'shrapnel', fil-ġardina tad-dar tiegħu, No. 3 Triq San Ġorġ, fis-26 ta' Frar 1941.

Malli niżlu l-Ġermaniżi fi Sqallija, f'Diċembru ta' l-1941, l-attakki mill-ajru żdiedu bil-kbir. Huma kienu jiġu fi kwantità kbira, jinżlu fil-baxx iżjed u l-bombi kienu jġibuhom aktar preċiżi mit-Taljani.

Darba meta raw li Malta ma riditx iċċedi, daru għall-knejjes. Il-Knejjes ta' Ħal Luqa u ta' l-Imqabba laqtuhom diretttament u għamlulhom ħafna ħsara, tal-Mosta l-bomba daħlet mill-koppla u ma splodietx. Tal-Gudja ħelsitha ħafif, imma fir-raħal saret straġi. Kien għas-1.00 p.m. tad-9 ta' April 1942, meta bomba waqgħet quddiem il-Knisja u ġarfet il-ħanut tal-'Gunner', Ġużeppi Barbara, fejn illum hemm il-Villa ta' Giovanna Dalli. Bomba oħra ġiet ħdejn ix-'shelter' fi Triq Irjali ħdejn Sqaq No. 2 u qatlet lil Pietru Zammit, magħruf bħala "Pietru ta' l-għadma", li kellu 62 sena u kien joqgħod f'Nru. 9 Triq il-Kappillan. Imma quddiem din id-dar fejn kienu joqgħodu 'Tal-Foni' ġiet

bomba u farrket ix-'shelter' tal-familja Calleja u mietu l-aħwa Tereża, Karmela, Pietru, M'Grazzja u Giovanna. Ġiet bomba oħra fuq id-dar ta' Ġużeppi u Karmenu Calleja (tal-Bugis) fi Triq il-Ħofra, u ntradmu wkoll. Fit-triq ta' Ħal Luqa, taħt ta' l-Għoljiet ġiet bomba li għamlet ħofra tant kbira li kienet tesa' karozza tal-linja ġo fiha, għax ftit 'il fuq kien hemm kanun 'Bofors' li kien jispara dejjem fuq l-ajruplani Ġermaniżi meta jidħlu minn fuq Birżebbuġa u jmorru għal fuq l-ajrudrom.

Fid-19 ta' April kielha missieri u jien ġejt ferut. Missieri għattieni b'ġismu biex salvani. Mietu oħrajn mill-Gudja u nispera li xi darba titwaqqaf lapida kommemorattiva għalihom.

Għal-lum daqshekk biżżejjed għax jekk nibqa' nikteb nieħu wsiq wisa'!

**CHEV. Dr. GEORGE BORG**

---

Fl-okkażjoni tal-50 sena mill-għoti tal-'George Cross', f'Malta saru diversi kommemorazzjonijiet.

Fi ħdan il-Kunsill Parrokkjali twaqqaf kumitat biex jieħu ħsieb li ssir tifkira xierqa għal dawk il-Gudjani li tilfu ħajjithom fl-aħħar gwerra dinjija.

F'dan il-fuljett, qed inġibu żewġ artikli, wieħed ta' Dr. George Borg u l-ieħor tas-Sur Lawrence Mizzi li kellhom esperjenza tal-gwerra fir-raħal tagħna.


Clearing &
Forwarding Services
(1981) Ltd.

TIR TRAILER
OPERATIONS

TEL: 493400 – 220097
TLX: 546 MW

ST. PHILIP
PHARMACY

(opposite Ghaxaq Primary School)

* Pregnancy Tests
* Baby and Diabetic Products
* Cosmetics
* Ear Piercing
* Toiletries
* Photographic Film Developing

BEAUTY ADVICE AT THE COUNTER

Triq ic-Ceppun c/w Triq il-Hatem, Ghaxaq